# KIF KIEN ISIR ID-DFIN FI ZMIEN KRISTU?

Il-poplu Lhudi kien jiehu b'serjeta kbira d-dfin tal-mejtin tieghu; kienet espressjoni li biha il-kommunita' kienet turi l-ahhar rispett lejn dawk li hallew ghal dejjem lil qrabathom. L-Iskrittura kienet taghmilha cara u tonda li ebda gisem mejjet ma kellu jithalla minghajr difna, anke jekk dan kien xellerat.

Malli bniedem kien imut, ghajnejh kellhom jinghalqu, u l-gisem tieghu jinhasel. Waqt dan il-process, il-gisem tal-mejjet kien jindilek bil-fwejjah. L-aktar fwieha li kienet tintuza kien in-Nard, imma sustanzi ohra bhal mirra setghu jintuzaw ukoll.

Fi zmien Kristu il-gisem kien jitkebbeb go lizar u wiccu kienu jghattuhulu b'bicca drapp imsejha sudarium. L-idejn u s-saqjan kien jkunu marbuta permezz ta' faxxex.

Wara dan il-process il-hbieb u l-qraba kienu jigu d-dar u jaghtu l-ahhar tislima lill-mejjet u anke l-kondoljanzi lil min ikunu baqa' haj. Id-difna kien ikollha issir fi zmien tmiem sighat mill-mewt tal-persuna minhabba l-klima tahraq.

Lejn il-qabar, il-kadavru kien jingarr mill-hbieb jew tal-familja fuq speci ta' *stretcher*. Fil-funeral kienu jinkrew nisa bikkejja li bil-biki taghhom kienu jaghmlu hafna frattarija. Ma kienx jonqos il-presenza ta' xi daqqaqa li bin-noti muzikali taghhom kienu joholqu mill-atmosfera, klima ta' swied il-qalb.

Il-Lhud qatt ma kienu jaharqu l-kadavri taghhom ghax kienu jemmnu fil-qawmien mill-imwiet. Kienu jindifnu fic-cimiterji li kellhom; dawn kien jehtieg li jkunu ghal ta l-anqas 50 jarda 'l barra mill-belt jew villagg.

L-OQBRA TIPICI FI ZMIEN KRISTU

L-oqbra ta' zmien Kristu kienu jinvolvu t-tqattieh ta' gebel biex isawru mill-blat tip ta' ghar. Kultant gruppi ta' familji kienu juzaw dan l-ghar biex jindifnu flimkien. Dahla fil-blat kienet isservi ta' bieb biex minnu jidhlu f'diversi kmamar li fihom kien jitpogga il-mejjet. Gebla kbira tonda kienet taghlaq id-dhul ghal dawn il-kmamar. Dawn l-gebel kbar u tondi kienu normalment jigu mbajda bojod biex kienu jkunu sinjal ghal dawk li jghaddu minn dawk l-inhawi li fil-fatt dawk l-inhawi kienu oqbra. Dan kien isir ghaliex il-Lhud li kienu jigu vicin gisem mejjet kienu jitqiesu bhala mniggsa.



Il-foqra li ma kienx ikollhom mezzi biex ihaffru qabar jew barranin li kienu jmutu waqt il-vjagg taghhom f'art tal-Lhud kien jindifnu f'ghelieqi mahsuba apposta. Fil-vangelu ta' San Mattew hemm riferenza ghal xirita' ghalqa tal-fuhhari bil-flus tat-tradiment ta' Guda biex fiha jindifnu il-barranin li kienu jmutu f'Izrael.

Wara l-funeral kienet issir ila zghira fejn kien jinxtorob l-imbid u jittiekel l-hobz tal-viztu. L-eqreb fil-familja bhalma hija il-mara tal-mejjet, iben jew bintu il-viztu kien idum 30 jum. Dan il-viztu kien jintwera' billi l-qraba kienu jilbsu ilbies specjali u l-aktar minghajr filatteriji waqt it-talb u ma jwegbux ghat-tislim li jsirilhom fit-triq.



Wara sena il-familjari tal-mejjet kienu jirrtornaw lejn il-qabar biex jigbru l-ghadam tal-mejjet u jqieghduh f'kaxxa imsejha l-ossarju. Kienu jimmarkaw il-kaxxa bl-informazzjoni dwar il-mejjet u jerfghuha fil-post riservat ghal dan il-ghan, fl-istess qabar.